MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2014

Numru. 436/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Herman Mula)**

**Vs**

**Abdi Rahman Diakite**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Hadd 7 ta' Settembru, 2014**

Numru: 436/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abdi Rahman Diakite ta' 26 sena, bin Cedu u Sali xebba Cebide, imwieled il-Mali nhar il-5 ta' Jannar 1998, residenti gewwa 30, Dun Filippo Borg, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 59627A talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Settembru 2014 u fil-jiem ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-art 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. Biegh jew xort'ohra ttraffika il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta' l-art 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat quddiem din il-qorti u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ma rrizultax li hemm xi hlas ta' esperti li huwa dovut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regoalment 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6)

xhur prigunerija u ghal hlas ta′ multa fl-ammont ta′ erba′ mija u sitta u sittin euro (€466) li ghandhom jithallsu fi zmien sena minn mindu l-imputat jiskonta l-piena konvertibbli fi prigunerija skont il-ligi f′kaz ta′ nuqqas ta′ pagament.

Il-Qorti tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga li tinsab fid-dokument ‘HM4 u HM5B′ u tordna li dan isir taht is-supervizjoni tar-Registratur. Tordna wkoll il-konfiska favor il-Gvern ta′ Malta tal-flus fl-ammont ta′ €162.45 li jinsabu f′Dok HM5A.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza.

Kopja ta′ din is-sentenza u ta′ l-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------